MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Appell Civili Numru. 755/2003/2

**Yvonne Borg**
***versus***
**Christopher Borg**

1. Din is-sentenza hija dwar talba magħmula mill-attriċi Yvonne Borg ["l-attriċi"] biex jinstema' mill-ġdid appell maqtugħ b'sentenza ta' din il-qorti tal-25 ta' Ġunju 2010, wara li titħassar dik is-sentenza għax tgħid illi applikat il-liġi ħażin u hija l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża (art. 811 para. (*e*) u (*l*) rispettivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili).

2. Il-kawża hija waħda b'rikonvenzjoni għall-firda personali tal-miżżewġin. It-talba għas-smigħ mill-ġdid tal-

appell tolqot dik il-parti tas-sentenza li iddeċidiet dwar id-dar matrimonjali tal-partijiet. Il-fatti relevanti għall-għanijiet ta' din is-sentenza tallum seħħew hekk:

3. Qabel ma żżewġu l-partijiet kienu talbu self mingħand *Lohombus Corporation* biex jixtru dar fejn joqogħdu. Billi dak iż-żmien l-attriċi kellha qligħ fis-sena aktar mill-konvenut Christopher Borg ["il-konvenut"], is-self ingħata lilha bil-patt illi l-proprjetà tinxtara f'isimha biss u l-konvenut jidher biss bħala garanti għar-radd lura tas-self.

4. Il-proprjetà għalhekk inxtrat f'isem l-attriċi weħedha b'kuntratt tat-23 ta' Diċembru 1987[1], meta kienet għadha xebba. Dakinhar iżda l-partijiet bejniethom daħlu fi ftehim ieħor b'kitba privata[2] u qablu illi l-parti tal-prezz li ma kinitx koperta bis-self titħallas mill-partijiet f'ishma ndaqs bejniethom u illi s-self jintradd mit-tnejn ukoll f'ishma ndaqs bejniethom. Ftiehmu wkoll dan li ġej:

«F'każ illi l-għerusija ta' bejniethom jew anke ż-żwieġ futur li bi ħsiebhom jiċċelebraw jitħassar, Yvonne Scicluna [l-attriċi] tobbliga ruħha a favur ta' Christopher Borg [il-konvenut], li jaċċetta, li fi żmien tliet xhur mit-tħassir tal-għerusija jew it-terminazzjoni taż-żwieġ, skont il-każ, tagħżel li jew tbigħ l-imsemmi fond bi prezz li minnu jitħallas is-self tal-*Lohombus* u d-differenza, tkun kemm tkun (basta ma tkunx anqas mill-prezz tallum), wara li jitnaqqsu l-ispejjeż għandha tiġi perċepita mill-partijiet ugwalment. Yvonne Scicluna tista' tagħżel li ma tbigħx il-fond u tirrifondi lil Christopher Borg kull somma minnu maħruġa fuq ix-xiri tiegħu u għall-ħlas tar-rati mensili.»

5. Il-partijiet iżżewġu iżda ż-żwieġ tkisser u l-attriċi b'ċitazzjoni mressqa fl-24 ta' Lulju 2003 kienet talbet fost ħwejjeġ oħra l-firda minn żewġha u illi l-qorti tordna l-iżgumbrament tal-konvenut mid-dar matrimonjali. Il-konvenut b'rikonvenzjoni talab illi ssir il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fid-dawl ta' dak maqbul bejn il-partijiet bil-kitba privata tat-23 ta' Diċembru 1987.

6. B'sentenza mogħtija fil-15 ta' Diċembru 2009 il-Qorti Ċivili, Sezzjoni Familja, laqgħet it-talba tal-attriċi għall-iżgumbrament tal-konvenut mill-fond, qalet illi l-fond huwa kollu kemm hu proprjetà tal-attriċi u li ma għandux jitqies

---

[1] *Foll.* 28 *et seqq.*

[2] *Foll.* 34 *et seq.*

aktar bħala d-dar matrimonjali, u ordnat illi l-attriċi trodd lill-konvenut il-ħlasijiet kollha magħmula minnu biex inxtara l-fond u biex intradd is-self.

7. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din il-konklużjoni ġew minnha mfissra hekk:

«[Id-dar matrimonjali] tikkostitwixxi s-suġġett tal-vertenza prinċipali bejn il-partijiet rigwardanti l-aspett patrimonjali tal-kawża. Filwaqt li l-attriċi tikkontendi li d-dar hija proprjetà tagħha biss għax xtratha fuq isimha qabel iż-żwieġ, il-konvenut isostni li, meta sar il-kuntratt, l-attriċi kienet qiegħda tidher għan-nom tiegħu ukoll, u għalhekk il-fond kien ġie akkwistat miż-żewġ partijiet.

«Il-perit legali abbraċċja t-teżi tal-konvenut fuq il-konsiderazzjonijiet fattwali li, skond hu, taw lok għall-applikazzjoni tal-insenjament tal-onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża <u>Lawrence Lanzon *vs* Rosette Lanzon</u> deċiża fis-30 Novembru 2007. Huwa kkonkluda li "l-intenzjoni tal-partijiet kienet li d-dar matrimonjali tinxtara miż-żewġ partijiet flimkien" u għalhekk ikkonkluda li l-fond għandu jinbigħ, u, wara li jitnaqqas l-ispejjeż relativi, il-bilanċ tar-rikavat jinqasam ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

«Illi din il-qorti kienet tikkondividi l-konklużjonijiet tal-perit legali u tapplika l-insenjament imsemmi fil-każ fuq indikat, li kieku l-fatti relevanti kienu l-istess; iżda fil-każ odjern hemm ostakolu fattwali u legali li jimmilita serjament kontra t-teżi tal-konvenut: dan hu l-iskrittura privata datata 23 Diċembru 1987.

«Il-fatti relevanti huma s-segwenti: fil-11 Novembru 1987 il-partijiet, bħala għarajjes, applikaw konġuntivament mal-*Housing Authority* għal sussidju fuq *loan* biex jintxara l-fond … … … Il-partijiet bilfors kellhom japplikaw flimkien bħala għarajjes, għax altrimenti ma kinux jaqgħu taħt l-iskema. Sussegwentement, il-partijiet kellhom japplikaw mal-bank, u kien il-bank li ddeċieda fuq min kellu jinħareġ il-*loan*. F'dan il-każ is-*sanction letter* ħarġet fuq l-attriċi fit-28 Ottubru 1987, u għalhekk il-*Housing Authority* approva l-applikazzjoni fuq il-persuna approvata mill-bank.

«Ir-rappreżentant tal-*HSBC Home Loans Malta Limited*, filwaqt li kkonferma l-premess, ikkonferma li s-self kien ingħata lill-attriċi peress li dina kellha aktar paga mill-konvenut.

«Illi sussegwentement, fit-23 Diċembru 1987, ġie ppubblikat minn Nutar Dottor Victor Bisazza l-kuntratt ta' self u bejgħ li fuqu l-attriċi kienet dehret bħala x-xerrejja filwaqt li l-konvenut kien deher bħala garanti solidali għas-self li kienet ħadet l-attriċi biex jinxtara l-fond *de quo*.
«Illi sa hawn, il-fatti donnhom jikkonfortaw it-teżi tal-konvenut. Iżda hemm fatt ieħor addizzjonali li jbiddel ix-xenarju kompletament, għax, dak in-nhar stess li fih ġie ppubblikat il-kuntratt, il-partijiet, quddiem l-istess nutar, iffirmaw skrittura privata li permezz tagħha ftiehmu li fil-każ li l-għerusija jew iż-żwieġ futur jitħassru, l-attriċi kellha dritt ta' għażla: jew "li jew tbigħ" l-imsemmi fond u r-rikavat, wara li jitnaqqas id-dejn gravanti l-fond, jinqasam ugwalment bejn il-partijiet, jew "tista' tagħżel li ma tbigħx il-fond u tirrifondi lil [l-attur], kull somma minnu maħruġa fuq ix-xiri tiegħu u għall-ħlas tar-rati mensili."
«Illi għalkemm fis-sottomissjonijiet tiegħu l-konvenut jgħid li dan il-ftehim mhuwiex ammissibbli skond il-liġi, huwa ma jindikax dispożizzjoni tal-liġi li ssostni din it-teżi tiegħu. *Inoltre*, rigward l-argument tiegħu bażat fuq il-kelma "tħassir" taż-żwieġ, il-qorti tosserva li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li ż-żwieġ jitħassar bis-separazzjoni, u mhux bil-fors bl-annullament. Għalhekk din il-qorti hi tal-fehma li ma jirriżulta xejn li jimmilita kontra l-validità legali ta' din l-iskrittura privata li allura fit-termini tagħha għandha l-forza ta' liġi bejn il-partijiet.
… … …
«L-effetti fattwali u legali ta' din l-iskrittura jpoġġu l-każ fuq binarju differenti minn dak tal-każ fuq indikat, għax f'dan il-każ, irrispettivament jekk l-attriċi kinitx dehret fuq il-kuntratt f'isimha biss jew għan-nom u fl-interess tal-konvenut ukoll, il-pożizzjoni legali, kristalizzata bl-imsemmija skrittura, hi li, fil-każ li ż-żwieġ jitħassar, l-attriċi għandha d-dritt ta' għażla li permezz tiegħu tista' tagħmel, kif għamlet, li tagħżel li żżomm il-fond u tirrifondi lill-konvenut il-flus kollha li kien ħareġ hu għax-xiri tiegħu. Dan hu konformi mal-ftehim li daħal fih il-konvenut permezz tal-iskrittura.
«Illi fuq id-dritt tagħha naxxenti mill-iskrittura l-attriċi għażlet li żżomm il-fond bl-obbligu li tirrifondi lill-konvenut dak kollu li kien ħareġ in konnessjoni max-xiri tal-fond.

«Dan premess u kkunsidrat il-qorti qed tqis il-fond fuq indikat bhala proprjetà tal-attriċi, fl-intier tagħha, filwaqt li din qed tiġi ordnata li tirrifondi lill-konvenut il-pagamenti kollha magħmula minnu in konnessjoni mas-self u x-xiri tiegħu.»

8. Kemm l-attriċi u kemm il-konvenut appellaw minn din is-sentenza. Din il-qorti b'sentenza tal-25 ta' Ġunju 2010 ["is-sentenza attakkata"] ċaħdet l-appell tal-attriċi, laqgħet *in parte* l-appell tal-konvenut u irriformat is-sentenza appellata billi wettqitha f'kollox ħlief għall-parti fejn l-ewwel qorti iddeċidiet dwar id-dar matrimonjali, u iddeċidiet hekk:

«tvarja s-sentenza tal-ewwel qorti billi tikkonfermaha ħlief għal dik il-parti relatata mad-"Dar Matrimonjali", u filwaqt li tħassarha fejn iddikjarat li l-fond huwa parafernali tal-attriċi, fejn ordnat l-iżgumbrament tal-konvenut mill-istess, u fejn ordnat li l-konvenut jitħallas mill-attriċi l-ħlasijiet kollha magħmula minnu in konnessjoni mas-self u x-xiri tiegħu, tiddikjara minflok li din id-dar matrimonjali tappartjeni nofs kull wieħed lill-partijiet, u tordna … … … li l-fond matrimonjali … … … jinbigħ *sub hasta* taht l-awtorità tal-qorti u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-kontendenti wara li jitħallsu d-djun kollha gravanti l-istess fond. Dan il-bejgħ għandu hekk isir sakemm il-partijiet, sa żmien tliet xhur millum, ma jilħqux ftehim dwar il-bejgħ tiegħu lil terzi, jew sakemm l-attriċi ma tagħżilx li żżomm il-fond hi wara li tħallas lill-konvenut nofs kemm jiswa l-fond fis-suq, wara li jitnaqqsu d-djun attwali fuq l-istess fond.»

9. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu għal din il-konklużjoni ġew imfissra hekk:

«Fejn din il-qorti tara li l-konvenut għandu raġun huwa fil-kuntest tal-aggravju tiegħu dwar id-dar matrimonjali. Mhux kontestat li dan il-fond inxtara mill-attriċi qabel iż-żwieġ u, allura, jidher li hu proprjetà parafernali tagħha. Il-konvenut, però, jallega li l-attriċi akkwistat l-istess fond bħala *prestanome* tiegħu wkoll, għax il-ħsieb kien li l-fond jinxtara bi sħab bejn il-partijiet allura għarajjes, biex iservi bħala d-dar matrimonjali tagħhom. L-ewwel qorti kienet tal-fehma li, għalkemm kien hemm indizji ta' dak li allega l-konvenut, f'kull każ, il-partijiet, dakinhar stess li nxtara l-fond, iffirmaw skrittura privata li fiha stipulaw x'jiġri jekk l-għerusija jew iż-żwieġ futur jitħassru; f'każ ta' din l-

eventwalità, l-attriċi kellha l-għażla jew li tbigħ l-imsemmi fond, u r-rikavat jinqasam b'mod indaqs, jew iżżomm il-fond għaliha u tirrifondi lill-konvenut kull somma minnu maħruġa fuq ix-xiri tiegħu u għal ħlas tar-rati mensili. L-ewwel qorti qalet li din l-iskrittura hija valida, torbot lill-partijiet u, skond hi, turi li l-konvenut kien qed jammetti li l-fond hu tal-attriċi biss.

«Il-konvenut, da parti tiegħu, baqa' jinsisti li hu għandu sehem ta' nofs tal-fond, peress li hekk kien il-ħsieb tal-partijiet, u l-fond inxtara fuq isem l-attriċi peress li dak iż-żmien il-korporazzjoni *Lohombus*, li mingħandha kienu se jieħdu self, kellha l-pratika li tinsisti li l-kuntratt tal-akkwist isir biss fuq isem dik il-parti li se tingħata self, u, f'dan il-każ, is-self kien se jingħata biss lill-attriċi peress li kellha introjtu aħjar mill-konvenut.

«Għar-rigward in-nozjoni ta' *prestonome*, fil-kawza Maria Calleja *nomine v.* Paolo Deguara deċiża minn din il-qorti fl-10 ta' Ottubru 1930 (Vol. XXVII.I.620), ġie osservat: "*nulla osta in legge a che, senza impugnare un contratto, si dimostri con prove che uno dei contraenti compariva e stipulava per conto e interesse di altre persone non figuranti nell'atto ma aventi diritto di avocare a sè quello che vi si è contrattato nel proprio interesse*". Fir-rigward ta' dan il-kunċett dan ġie spjegat b'mod konċiż u ċar minn din il-qorti fis-sentenza Professur Anthony Mamo *nomine v.* Charles Sant Fournier tat-2 ta' Mejju 1957:- "Illi l-mandatarju prestanom huwa dak illi apparentement jeżerċita drittijiet ta' proprjetarju, mentri fir-realtà mhux ħlief il-mandatarju. Meta hu, f'din il-kwalità ta' mandatarju prestanom, jakkwista l-proprjetà tal-ħaġa immobbli, ikun hemm att pubbliku li bih tiġi lilu trasferita l-proprjetà tal-ħaġa, u konvenzjoni sigrieta fis-sens li huwa, pretiż akkwirenti, mhux ħlief mandatarju. Għar-rigward ta' terzi jibqa' l-prinċipju illi, rispett għal dawn, il-konvenzjonijiet sigreti li jidderogaw għall-konvenzjoni palesi ma jipproduċu ebda effett. Imma bejn il-mandant u l-mandatarju prestanom il-konvenzjoni vera tipprevalixxi għall-konvenzjoni apparenti u d-drittijiet u l-obbligi tal-mandatarju prestanom jiġu retti mil-liġi tal-mandat; u l-ħwejjeġ minnu akkwistati jappartjenu kwindi lill-mandant."
… … …

«L-oneru tal-prova hu fuq il-konvenut, u din il-qorti, wara li eżaminat il-provi prodotti, tara li hu rnexxielu jissodisfa dan il-piż mixhut fuqu. Jirriżulta li l-partijiet kienu applikaw għal sussidju mill-Awtorità tad-Djar, applikaw flimkien u t-talba ġiet milqugħa preċiżament għax huma kienu għarajjes u riedu jixtru l-post bil-ħsieb ta' żwieġ. It-tnejn flimkien avviċinaw il-Korporazzjoni *Lohombus* għal għajnuna, u l-kuntratt sar biss fuq isem l-attriċi minħabba l-*policy* li kienet issegwi dak iż-żmien il-korporazzjoni u mhux għax hekk xtaqu l-partijiet. Il-prezz tal-akkwist, minbarra s-self, ħarġuh iż-żewġ partijiet ugwalment, u l-ħlas lura tas-self kollu kellu jsir minn flus tat-tnejn b'mod ugwali. Kif ingħad, kienet il-korporazzjoni li ddeċidiet fuq min kellu jinħareġ il-*loan*, iżda din insistiet ukoll li l-konvenut jidħol garanti solidali mal-attriċi għat-twettiq tal-obbligazzjonijiet kollha li din assumiet *vis-à-vis* l-istess korporazzjoni. Wara ż-żwieġ, dan il-fond beda jservi bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet, u l-fond ġie ameljorat u mgħammar bl-interess u sforz tat-tnejn, għalkemm il-ħlasijiet kien jagħmilhom dejjem il-konvenut peress li l-attriċi qatt ma ħadmet fiż-żwieġ. Dan kollu juri li l-ħsieb tal-partijiet kien li d-dar tkun tat-tnejn. L-ewwel qorti qalet ukoll li dawn il-fatti u ċirkostanzi oħra "donnhom jikkonfortaw it-teżi tal-konvenut", però osservat li l-iskrittura privata li ffirmaw il-partijiet dakinhar stess tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt akkwist biddel kollox. Ġà ntwera li b'din l-iskrittura l-partijiet ftiehmu x'jiġri mill-fond jekk l-għerusija jew iż-żwieġ jitħassru. Apparti l-fatt li la l-għerusija u lanqas iż-żwieġ ma "tħassru" (għax separazzjoni personali ma tħassarx żwieġ li jibqa' jitqies validu), din il-qorti ma tarax li meta l-konvenut iffirma dik l-iskrittura huwa kien qed jirrikonoxxi l-fatt li l-fond huwa parafernali ta' martu. Fil-fatt, kieku kien qed hekk jirrikonoxxi ma kienx ikollu għalfejn jiffirma dik l-iskrittura, għax il-kuntratt innifsu kien juri li l-fond kien qed jinxtara biss mill-attriċi. L-iskrittura saret proprju biex il-konvenut ikollu xi ħaġa x'juri dwar l-interess tiegħu fil-fond f'każ ta' problema ma' martu, tant li din irrikonoxxiet li jekk tbigħ il-fond lil terzi, ir-rikavat, wara li jitħallsu d-djun gravanti l-istess fond, jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

«Lanqas ma din il-qorti tifhem li l-konvenut, b'dik l-iskrittura (li tista' titqies li għandha n-natura ta'

ftehim/wegħda dwar il-mod ta' disposizzjoni ta' oġġett in komun f'każ li jiġri xi ħaġa fil-futur – it-"tħassir" taż-żwieġ), ried jirrinunzja għal sehmu mill-fond. L-għażla xi jsir mill-fond ingħatat lill-attriċi, iżda l-ħsieb kien li kemm jekk tagħżel li tbigħ il-fond lil terzi u kemm jekk tagħżel li żżomm l-istess għaliha, il-konvenut irid jiġi kkumpensat għal sehmu. Ir-rinunzji jridu jirriżultaw ċari u inekwivoċi, u f'dan il-każ ma jirriżultax li l-ħsieb tal-partijiet ma kienx li xi parti ma tiħux sehemha fi flus tal-valur tal-proprjetà.

«La darba d-dar matrimonjali tappartjeni liż-żewġ partijiet f'porzjonijiet indaqs, il-qorti mhux se tordna lill-konvenut jallontana ruħu mill-istess fond (għax kull ko-proprjetarju għandu dritt jibqa' fil-pussess tal-oġġett in komun sal-qasma), iżda, b'effett ta' din is-sentenza, qed tordna li l-fond matrimonjali … … … jinbigħ *sub hasta* taht l-awtorità tal-qorti u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-kontendenti wara li jitħallsu d-djun kollha gravanti l-istess fond. Dan il-bejgħ għandu hekk isir sakemm il-partijiet, sa żmien tliet xhur millum, ma jilħqux ftehim dwar il-bejgħ tiegħu lil terzi, jew sakemm l-attriċi ma tagħżilx li żżomm il-fond hi wara li tħallas lill-konvenut nofs kemm jiswa l-fond fis-suq, wara li jitnaqqsu d-djun attwali fuq l-istess fond. Ovvjament, il-konvenut m'għandux dritt li jingħata lura l-ħlasijiet li hu jgħid li għamel fid-dar u biex iħallas lura s-self; il-ħlasijiet saru minn flus il-komunjoni tal-akkwisti, għax dak kollu li daħħal il-konvenut mill-impieg tiegħu wara ż-żwieġ kien jidħol fil-komunjoni u kwindi dawk il-ħlasijiet saru minn fondi tal-komun.»

10. L-attriċi qiegħda issa b'rikors tad-9 t'Awissu 2010 titlob it-tħassir tas-sentenza u li l-appell jinstema' mill-ġdid għax qiegħda tgħid illi s-sentenza attakkata applikat il-liġi ħażin, u għalhekk għandha titħassar taħt l-art. 811(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Din ir-raġuni għat-tħassir tas-sentenza fissritha hekk fir-rikors:

«… … … a bażi tal-fatti ta' dan il-każ … … … il-Qorti tal-Appell … … … kellha bażikament tapplika r-regoli dwar ir-reġimi matrimonjali fid-dritt tagħna u tasal għall-konkluzzjoni li l-proprjetà immobbli in kwistjoni hi proprjetà parafemali [tal-attriċi] waħedha u b'hekk tiskatta d-disposizzjionijiet relativi fil-Kodiċi Ċivili.

«[L-attriċi] tirrileva illi dawk id-disposizzjoniji tal-liġi li messhom ġew applikati fil-każ odjern huwa l-artiklu 1334

tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li l-Qorti tal-Appell bir-rispett kollu m'applikatx u wisq anqas waslet dwar xi interpetazzjoni ta' dawn id-disposizzjonijiet tal-liġi li dwarhom ma tat assolutament l-ebda deċiżjoni espressa. Għalhekk certament li l-esklużjoni ikkontemplata fil-*proviso* tal-art. 811(*e*) ma tapplikax għall-każ odjern u ghalhekk ir-rimedju tar-ritrattazzjoni tista' tipprevalixxi ruħha minnu [l-attriċi] skont il-liġi.»

11. L-art. 811(*e*) li fuqu qiegħda tistrieħ l-attriċi jgħid illi sentenza tista' titħassar:

«jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin;

« għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat deċiżjoni.»

12. Il-kelmiet relevanti għall-każ tallum huma "meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata". Il-fatt kif stabbilit fis-sentenza attakkata kien illi l-ħsieb tal-partijiet meta xtraw il-fond kien illi l-fond ikun tat-tnejn u illi għalhekk meta l-attriċi dehret fuq il-kuntratt kienet qiegħda tidher mhux biss f'isimha iżda wkoll bħala *prestanome* għall-konvenut. La l-fatt kien hekk, il-qorti ma setgħetx tapplika d-dispożizzjonijiet dwar il-proprjetà parafernali, kif tippretendi l-attriċi iżda kellha tapplika d-dispożizzjonijiet dwar il-mandat lil *prestanome* u dwar il-komproprjetà, kif fil-fatt għamlet.

13. Għalhekk ma kien hemm ebda applikazjoni ħażina tal-liġi u s-sentenza ma tistax titħassar għar-raġuni msemmija fl-art. 811(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

14. L-attriċi qiegħda tgħid ukoll illi s-sentenza attakkata hija l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża, u għalhekk għandha titħassar taħt l-art. 811(*l*). Din ir-raġuni fissritha hekk:

«… … … il-Qorti tal-Appell skartat għal kollox it-talba tagħha magħmula permezz ta nota a tenur tal-artikolu 62(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta biex hi tirreverti għal kunjom xbubitha … … … F'dan ir-rigward il-qorti ma ppronunzjatx ruħha u ma tat l-ebda provvediment dwar

dina t-talba fis-sentenza finali tagħha liema talba kellha tiġi milqugħa mill-istess qorti skont il-liġi.»

15. Ir-rikors ma jfissirx kif dan in-nuqqas huwa "l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża". Barra mill-fatt illi *decisio omissa* ma twassalx għat-tħassir tas-sentenza, għandu jingħad illi n-nota tat-13 ta' Jannar 2009[3] li biha l-attriċi għażlet li terġa' lura għal kunjom xbubitha taħt l-art. 62(1) tal-Kodiċi Ċivili ma titlobx deċiżjoni mill-qorti; deċiżjoni tkun meħtieġa biss fil-każ illi ssir talba mir-raġel, taħt l-art. 62(2), biex il-qorti "tipprojbixxi lill-mara milli tkompli tuża kunjom żewġha wara s-separazzjoni, meta dak l-użu jista' jkun ta' preġudizzju gravi lir-raġel".

16. Għalhekk ma kien hemm ebda nuqqas jew żball meta l-qorti ma tat ebda provvediment fuq in-nota tal-attriċi tat-13 ta' Jannar 2009, u t-talba biex is-sentenza attakkata titħassar taħt l-art. 811(*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – talba li din il-qorti tqisha x'aktarx fiergħa – ma tistax tintlaqa'.

17. Għal dawn ir-raġunijiet, billi ma tressqet ebda raġuni li tiswa fil-liġi għat-tħassir tas-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2010 u għas-smigħ mill-ġdid tal-appell, il-qorti tiċħad it-talbiet tal-attriċi magħmula bir-rikors tad-9 ta' Awissu 2010, bl-ispejjeż kontra tagħha.

Silvio Camilleri Geoffrey Valenzia Giannino
Caruana Demajo
Prim Imħallef Imħallef Imħallef

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] *Fol.* 36 fl-atti tal-appell.